**384. L-Onor. Mario de Marco jipproponi:**

L-Ordni Permanenti 8 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

(i) Sakemm ma jingħatax avviż mod ieħor fil-mozzjoni tal-aġġornament u sakemm ma jkunx hemm mozzjoni proċedurali oħra, il-Kamra bħala regola ġenerali għandha tiltaqa' fis-6.00 pm nhar ta' Tnejn, Tlieta u Erbgħa f'kull ġimgħa (ħlief fil-festi pubbliċi) bil-ħin tal-mistoqsijiet ikun sas-6.30 pm u bil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun fid-9.00 pm.

(ii) Illi fl-istess ġurnata tista' tinżamm seduta kemm filgħodu u kemm wara nofsinhar, minbarra dik ta' filgħaxija.

(iii) Illi s-seduti li jsiru t-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa filgħaxija jistgħu jissejhu qabel is-6.00 pm u għandhom jibdew mhux iktar kmieni mis-2.00 pm, b'dan però li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ma jkunx iktar tard mid-9.00 pm.

(iv) Illi fil-każ tas-seduta ta' filgħodu din tibda fid-9.00 am bil-ħin tal-mistoqsijiet ikun sad-9.30 am u bil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun f'nofsinhar u fil-każ tas-seduta ta' wara nofsinhar din tibda fis-1.30 pm bil-ħin tal-mistoqsijiet ikun sas-2.00 pm u bil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun fl-4.30 pm.

(v) Illi s-seduta tista' tissejjaħ f'kull jum tal-ġimgħa barra nhar ta' Ħadd u fil-Festi Pubbliċi.

(vi) Illi meta l-Kamra tiltaqa' nhar ta' Ħamis għandha tapplika l-alternanza bejn xogħol tal-Gvern u l-Membri Privati min-naħa tiegħu u xogħol ta' Membri Privati min-naħa tal-Oppożizzjoni.

(vii) Fil-ġurnata tal-Ħamis isir xogħol tal-Gvern u l-Membri Privati min-naħa tiegħu u l-Ħamis ta' wara jsir xogħol tal-Oppożizzjoni u jekk il-Gvern u l-Membri Privati min-naħa tiegħu ma jeħux/jużax il-ġurnata tal-Ħamis li fih ikun jmiss xogħol tiegħu allura dan jintilef u jkun imiss lill-Oppożizzjoni fil-Ħamis ta' wara u jekk l-Oppożizzjoni ma teħux il-ġurnata tal-Ħamis din tintilef u jkun imiss lil Gvern fil-ġurnata tal-Ħamis ta' wara.

Standing Order 8 should be substituted with the following:

(i) As long as no other notice is given in the motion of adjournment and as long as there is no other procedural motion, the House as a general rule convenes at 6.00 pm on Monday, Tuesday and Wednesday every week (except on public holidays) with question time being till 6.30 pm and with work being interrupted at 9.00 pm.

(ii) That on the same day sittings can be held both in the morning and in the afternoon, apart from the evening sitting.

(iii) That the sittings which are held on Monday, Tuesday and Wednesday evening can be convened before 6.00 pm and must start not earlier than 2.00 pm, however the time of work interruption must not be later than 9.00 pm.

(iv) That in the case of the morning sitting, this starts at 9.00 am with question time being till 9.30 am and work is interrupted at noon, whilst in the case of afternoon sittings these start at 1.30 pm with question time being till 2.00 pm and work is interrupted at 4.30 pm.

(v) That a sitting can be convened on any day of the week except for Sunday and on Public Holidays.

(vi) That when the House meets on Thursday alternation between work of the Government or Private Members on its side, and work by Private Members of the Opposition must be applied.

(vii) On Thursday Government work is done whilst on the subsequent Thursday Opposition work is done and if the Government and its Private Members do not use the next Thursday it loses its turn and it would be the Opposition’s turn on the subsequent Thursday, and if the Opposition does not use the next Thursday it loses its turn and it would be the Government’s turn on the subsequent Thursday.

25.07.2016

**Il-mozzjoni m’għaddietx fis-Seduta 422 tat-Tnejn, 25 ta’ Lulju 2016.**